IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 55-2018(09_08_18)**

**9 ta' Awwissu 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.17 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku daħlet fil-laqgħa fis-6.10 ta' filgħaxija.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

55.1.1 Is-Sur Paul Curmi bagħat *sms* u informa lill-Kunsill li kien inqabad fuq xogħol.

Is-Sinjura Juliet Rose Attard kienet ser tasal tard.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

55.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 53-2018(26_06_18) u 54-2018(31_07_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.3.1 Fir-rapport tagħha, is-Sindku rrapportat lill-Kunsill li kienet saret is-sitt edizzjoni tas-*Ceramic Festival* fl-4 ta' Awwissu 2018 u li kien ta' suċċess kbir. Dakinhar infetħet għall-pubbliku l-Mitħna Sotterranja ta' Emerġenza tax-Xlendi. Kienet saret ukoll il-Ħarġa għal Malta għal kulħadd, fl-24 ta' Lulju 2018, organizzata mill-Kunsill.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi saret l-applikazzjoni mal-ERA ħalli jittrimjaw il-Bruk, saret laqgħa mal-Perit dwar il-*lifts* proposti fil-binja tal-Kunsill kif ukoll iltaqa' l-*adjudication board* dwar is-sejħiet għall-offerti - *Tender Ref: MXR/EU/01/2018 – Service Tender for Project Technical Consultancy in Relation to the Rehabilitation of Ix-Xlendi Tower* u *Tender Ref: MXR/EU/02/2018 - Service Tender for a Project Manager in Relation to the Rehabilitation of Ix-Xlendi Tower* – li għalqu fit-3 ta' Awwissu 2018.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità u oħrajn li għadhom għaddejjin. Fix-Xlendi twaħħlu s-*signs* tan-*No Entry* fi Triq iż-Żirżieb sabiex ma jidħlux vetturi fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u jiġri li ma jkollhomx fejn idawru filwaqt li fil-Munxar twaħħlet *Stop Sign* fi Triq Ras il-Bajjada. Fix-Xlendi wkoll twaħħal il-festun tad-dawl u saret it-tiswija tal-fanali ħdejn ir-ristorant fi Triq il-Kantra. Sar tindif tal-kamra fejn jinżammu l-fjakkoli u sar iż-żbir tal-Palm. Hija ħabbret li jinsab għaddej ix-xogħol sabiex jitranġa l-moll tax-Xlendi.

55.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Parroċċa għandhom bżonn ta' *cleaner* mill-iskema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel talba sabiex ningħataw *cleaner* u din tiġi *posted* fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan ma jistax isir u għalhekk ġie deċiż li s-Sindku għandha tkellem lill-Kappillan u tgħidlu sabiex jagħmel it-talba hu sabiex il-*cleaner* tiġi *posted* miegħu.

55.3.3 Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jgħaddi għall-*item* 55.6 – Korrispondenza, ilmenti u rapporti.

**55.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

55.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/7/2018/I mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (il-*GDPR)* vis-à-vis id-dettalji ta' ċittadini fil-Minuti tal-laqgħat'.

55.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/9/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema Finanzjarja favur il-Komunità – Libreriji Lokali/Reġjonali'.

55.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/10/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi 2018'.

55.6.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson* ta' The Marigold Foundation u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet rigward 'Invitation to Local Councils to participate in the Pink October Campaign 2018'. Sabiex jipparteċipa, il-Kunsill irid jixgħel b'dawl roża *landmark* fil-lokalità għax-xahar ta' Ottubru li jissimbolizza *Breast Cancer awareness*. Kull Kunsill Lokali li jipparteċipa jingħata siġra sabiex titħawwel fil-lokalità tiegħu.

55.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) fejn qed jitwassal għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-Avviż Legali Numru 222 tal-2018 – Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali (L.S. 441.04). Skont dan l-Avviż Legali, Skeda A ġiet imħassra u għalhekk il-Kunsill ser jirċievi aktar informazzjoni mill-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali (Il-LESA).

55.6.6 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 9, tat-22 ta' Ġunju 2018. Inkluż ukoll kien hemm żewġ stqarrijiet mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, waħda rigward 'Idea Leadership & Management Institute (ILMI)' u l-oħra dwar tqassim aħjar tal-imwejjed u siġġijiet tar-ristoranti fuq art pubblika.

55.6.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/086 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Kumitat ta' Azzjoni – LCA / PA / BRO / MDA / TM'. Il-President ħabbar li wara li kiteb lill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u lis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà rċieva risposti posittivi fir-rigward tal-ilment dwar in-nuqqas ta' attendenza ta' diversi awtoritajiet għal-Laqgħa Plenarja tas-7 ta' Lulju 2018 u għat-talba li jinħatar Kumitat kif mitlub. Huwa ħabbar ukoll li jinsab fi stadju avvanzat proċess ta' pubblikazzjoni ta' *White Paper* għat-twaqqif ta' Awtorità maħsuba biex tirregola l-bini, filwaqt li tamalgama l-Kunsill Konsultattiv tal-Industrija tal-Bini, il-Building Regulation Office, il-Bord għar-Regolarizzazzjoni tal-Bini u l-Bord tal-Liċenzji tal-Bennejja. Permezz ta' din il-*White Paper*, kemm l-Assoċjazzjoni kif ukoll il-Kunsilli Lokali, ser ikollhom iċ-ċans jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

55.6.8 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/082 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Talba għall-approvazzjoni ta' tabelli (*No Parking*) minn Transport Malta skont il-permess maħruġ mill-Kunsill Lokali'. Huwa wassal komunikat li sar bejn din l-assoċjazzjoni u Kunsill Lokali, tkellem dwar l-arranġamenti li għamlu sabiex taħdem is-sistema u l-mod li jrid jitmexxa bih.

55.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tilmenta dwar papri jgħumu fil-Bajja tax-Xlendi. Peress li dawn jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa u li fil-passat kien hemm xi papri oħrajn li tneħħew, hija qiegħda titlob li dawn li hemm preżentament jitneħħew ukoll.
Is-Sindku qiegħda tieħu ħsieb tittratta dan il-każ mal-Animal Welfare.

55.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sindku tal-Kunsill b'ritratt li fuqu hemm immarkati żewġ dgħajjes, magna mal-art u karru u talbet sabiex dawn jitneħħew.
Hija ser tkellem lis-sid sabiex tgħidlu jneħħihom.

55.6.11 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li ommha tgħix għal xi żmien fi proprjetà fi Triq il-Munxar u peress li jipparkjaw eżatt mal-bieb, l-omm ma tkunx tista' tidħol jew toħroġ minħabba li hija tuża s-siġġu tar-roti. Għaldaqstant, huma qed jitolbu sabiex isiru sinjali sabiex ma jipparkjawx u tkun tista' tgħaddi bis-siġġu tar-roti.
Il-Kunsill ser jagħmel it-talba lil Transport Malta.

55.6.12 Il-Kunsill irċieva talba għall-kostruzzjoni ta' bankina fi Triq Żgħawri, Il-Munxar.
Din il-bankina ġiet approvata. Peress li hija bankina ġdida ser issir talba lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

55.6.13 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li għandu *garage* fi Triq il-Qroll, Ix-Xlendi minħabba li hemm ħofra kbira u li minħabba fiha ma jistax idaħħal il-karozza fil-*garage* għax tħokk. Hemm ukoll ħofra oħra quddiem *garage* ieħor. Ilmenta wkoll illi f'din it-triq hemm ħafna ħmieġ għax mhix tinkines. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni mill-aktar fis possibbli.
Il-Kunsill ser jagħmel il-*patching* ta' dawn il-ħofor kif ukoll ser ikellem lill-kennies dwar il-ħmieġ ta' din it-triq.

55.6.14 Il-Kunsill irċieva talba għall-kostruzzjoni ta' bankina fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi.
Din il-bankina ġiet approvata. Peress li hija bankina ġdida ser issir talba lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

55.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Customer Care* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitolbu l-kummenti tal-Kunsill dwar ilment li waslilhom mingħand resident. Dan l-ilment huwa rigward il-fatt illi ma hemmx *recycling bins* fil-Munxar u Ix-Xlendi u minħabba f'hekk il-ħġieġ qed jintefa' ġo kaxxi u jitħallew fil-post fejn qabel kien hemm dawn il-*bins* peress li l-ġabra ta' darba f'xahar mhix adegwata. Qed jiġi ssuġġerit mill-persuna li għamlet l-ilment illi l-Kunsill għandu juża dawk il-*bins* li tneħħew mill-Munxar billi jitpoġġew fix-Xlendi u jiġu *monitored* b'CCTV.
Il-*bring-in-site* tax-Xlendi diġà saret.

55.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Kunsillier li qed iressaq ilment ta' resident fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi. Saret referenza għall-ilment li sar ftit tax-xhur ilu fejn infetaħ ħajt u tqattgħet rampa fil-ġenb tat-triq fejn jirriżulta li r-rampa tqattgħet sabiex ikun hemm aċċess għall-bdiewa ta' dawk l-għelieqi. Riċentament l-istess resident ilmenta ma' dan il-Kunsillier illi f'dawn l-għelieqi qed isir xi tip ta' trobbija tan-naħal u hemm numru kbir ta' postijiet fejn qed jitqegħdu n-naħal. Dan qed iwassal biex iż-żona tal-madwar timtela kollha naħal u qed jilmenta li mank qed ikun jista' jiftaħ it-tieqa fis-sajf. Peress li jista' jkun li din l-attività trid tkun koperta b'xi permess qed jiġi ssuġġerit li l-Kunsill jgħaddi dan l-ilment lill-ERA.
Il-Kunsill ser jirrapporta dan l-ilment lill-ERA.

55.6.17 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li għandha proprjetà fi Triq l-Għar ta' Karolina, Ix-Xlendi minħabba l-*water culvert* li hemm fil-blat *overhanding* il-proprjetà tagħha. Din il-*water culvert* tinsab imblukkata b'ġebel, friegħi, eċċ. u għandha wkoll bżonn *plastering* minħabba *cracks* fil-blat. Minħabba f'hekk jekk tagħmel ix-xita l-proprjetà tagħha tiġi *flooded*.
Il-Kunsill ser jgħaddi din it-talba lid-Dipartiment tas-CMU.

55.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li għandha proprjetà fi Triq iż-Żirżieb fejn qiegħda titlob sabiex arblu tad-dawl li qiegħed fin-nofs tal-entratura tal-*garage* tagħha jitneħħa. Hija rrapportat illi fil-passat din it-talba saret għal diversi drabi lill-Korporazzjoni Enemalta iżda dan l-arblu ma tneħħiex. Hija qiegħda tilmenta illi l-*parking* fis-sajf fix-Xlendi huwa limitat u qiegħda tiġi mċaħħda milli tuża l-ispazju privat tagħha u dan qed jattira ħafna ħmieġ u ddampjar minn persuni irresponsabbli.
Il-Kunsill ser jgħaddi din it-talba lill-Korporazzjoni Enemalta.

55.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* inkluż ritratti mingħand persuna li qed tilmenta dwar imwejjed ta' ristorant partikulari fuq ix-xatt eżatt ħdejn il-baħar u dan barra li għandu mwejjed oħrajn quddiem ir-ristorant tiegħu fix-Xlendi. Minbarra li hija ħaġa perikoluża, wieħed irid jgħaddi minn nofs ir-ristorant biex imur bilqiegħda f'dik iż-żona jew biex jaċċessa t-taraġ ta' mal-blat. Dan l-inkonvenjent żdied issa li hemm dawn l-imwejjed ukoll u huwa jħoss li nħatfet biċċa oħra mix-Xlendi. Huwa qed jistaqsi jekk dawn l-imwejjed humiex hemm illegalment jew inkella l-awtoritajiet tawh il-permess.
Is-Sindku ssuġġeriet li dan l-ilment inħalluh *on-hold* peress li għandu joħroġ il-*Master Plan* tax-Xlendi.

Il-ħin kien is-6.10 ta' filgħaxija u s-Sinjura Juliet Rose Attard waslet fil-laqgħa.

55.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Refablightblue Partnership rigward 'New Door To Door Service'. Huma qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss dan is-servizz li għandu jżid il-programm tar-riċiklaġġ tat-tessuti fi triq prinċipali fil-lokalità filwaqt li huwa faċli sabiex jintuża min-nies. Dan il-materjal imbagħad jinġabar mill-kumpanija billejl. Huma qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill minħabba li jixtiequ jimpjegaw persuna mil-lokalità sabiex tgħin fis-servizz tad-*door to door*. Kull sena huma qegħdin irebbħu vettura li taħdem bl-elettriku lil dak il-Kunsill li jirriċikla l-aktar materjal.
Il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn għalissa minħabba li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rrakkomandat xi kumpanija oħra.

55.6.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand sid ta' gabbana fil-bajja tax-Xlendi fejn qed japplika sabiex ikollu permess jagħmel *disco* bil-*bar* fuq barra, fit-2 ta' Settembru 2018 mill-11 ta' filgħodu sat-3 ta' waranofsinhar, b'*area* ta' 100*sqm*.
Il-Kunsill qabel li jagħti dan il-permess sabiex isir *disco*.

55.6.22 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Munxar minħabba li t-traffiku qed jgħaddi b'veloċità qawwija bil-konsegwenza ta' xi inċident. Huwa qed jitlob li jsiru *sleeping police* tar-*rubber* u ssir mera faċċata tad-*drive-in* tiegħu sabiex ikun jista' jara hu u ħiereġ.
Is-Sindku ser tmur fuq il-post sabiex tiċċekkja.

55.6.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) rigward 'Lista tal-Ilmenti Pendenti ta' kull ħmistax'. Fi ħdan dan id-dipartiment twaqqaf *Customer Support Unit* li bdiet tagħmel kuntatt mal-Kunsilli sabiex tingħata kull għajnuna possibbli. Minbarra dan, il-*Unit* ser tkun qed toffri servizzi biex jassisti lill-Kunsilli fir-rigward ta' lmenti li jidħlu direttament għandhom u ma jkunux ġew solvuti fi żmien ħmistax-il ġurnata. Sabiex tkun tista' tinbeda din il-ħidma, is-Segretarju Eżekuttiv għandu kull ħmistax jibgħat lista dettaljata tal-ilmenti pendenti.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

55.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi li ftit taż-żmien ilu kienet ilmentat dwar ħmieġ tal-klieb u ħmieġ ieħor f'din it-triq, speċjalment ikkawżat minn persuni li jiġu f'dan il-post apposta biex iħammġu hemm, li jwassal għal żieda ta' insetti; trab; *etc*. li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem. Din il-persuna reġgħet kitbet fejn barra li rringrazzjat lill-Kunsill talli waħħal *dog bins* u għall-ġbir ta' skart regolari li jsir f'din it-triq qiegħda tressaq ilmenti oħra. Dawn huwa minħabba li dan l-aħħar żmien ma kienx qed isir it-tindif u ġbir kif suppost, żdiedu d-*dumping*; l-istorbju u s-sewqan perikoluż u b'veloċità eċċessiva li diversi drabi kważi ndarbu n-nies, saru xi graffiti, twaqqalha ħajt u nsterqulha xi siġġijiet. Hija qiegħda tissuġġerixxi li l-Kunsill iwaħħal *speed ramps* jew isib xi mezz ieħor sabiex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi jew issir *gate* għar-residenti ta' din it-triq biss.
Il-Kunsill ser jikteb lil din il-persuna fejn jinfurmaha illi li ssir *gate* hija illegali u meta jkun hemm xi abbuż għandha tirrapporta lill-Pulizija.

55.6.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li torganizza Fund Raising għal Bjorn Formosa & ALS Malta u tagħmilhom waqt attivitajiet organizzati minn Kunsilli jew terzi persuni. Hija tat lista ta' attivitajiet li ħadet sehem fihom u oħrajn li għadhom ser isiru. Hija qiegħda titlob il-permess tal-Kunsill sabiex tkun tista' twaħħal *banner* u titlob id-donazzjonijiet f'xi wħut mill-attivitajiet organizzati bħala parti mill-Kalendarju ta' Attivitajiet tax-Xlendi.
Il-Kunsill qabel u ġie ssuġġerit li d-data tkun it-8 ta' Settembru 2018.

**55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

55.4.1 Is-Sur Joseph Cauchi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li traffiku li jkun ġej minn Triq San Pawl u dieħel għal ġol-Pjazza tal-Knisja ma huwiex ikun igwidat b'sinjali tat-traffiku. Huwa talab li jsiru sinjali f'tarf Triq San Pawl. Huwa semma wkoll li lanqas ma hemm xi *sign* li tindika fejn hemm it-*toilets*. Ġie deċiż li ssir waħda fil-Pjazza tal-Knisja u oħra ma' kanna ta' tabella li hemm fil-bidu ta' Triq it-Tempju Megalitiku.
Is-Sur Cauchi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill ukoll dwar Palma li qiegħda tikber fil-bankina ta' Triq ir-Rabat fix-Xlendi. Huwa ġie inkarigat sabiex ikellem lit-Taqsima tal-Agrikoltura sabiex jaqilgħu din il-Palma. Semma wkoll li fi Triq il-Puniċi hemm xi friegħi ta' siġar maħruġin għal ġot-triq.

55.4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fl-għalqa ta' maġenb Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina hemm ħafna Busbies u qed tkun *blind corner* għat-traffiku. Is-Sinjura Juliet Rose Attard ser tkellem lis-sid.
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li riċentament karozza skidjat fi Triq Ta' Marżiena kantuniera ma' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina u qaċċtet tabella. Qed jinħass il-bżonn li jsiru *barriers* fuq il-bankina. Peress li din hija triq arterjali, is-Sindku ser tkellem lil Transport Malta.
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bl-attivitajiet li qed taħdem fuqhom għall-jiem tal-Festa tax-Xlendi. Il-Ħamis, 30 ta' Awwissu 2018 ser ikun hemm *Karaoke.* Il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu 2018 ser ikun hemm Għana. Il-Ġimgħa u s-Sibt bejn l-10 ta' filgħodu u s-6 ta' filgħaxija ser ikun hemm *fun park* fil-baħar, *go carts* u *water sports*. Dawn ser ikunu organizzati mill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sindku staqsiet dwar kont li qed inkluż fl-iskeda tal-ħlasijiet li jammonta għal €930. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan il-kont kien imqassam fi €300 ta' xogħol ta' manutenzjoni u żeba' tal-*fencing* tal-injam tal-Pjazzetta Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Dawn inqalgħu, ġew restawrati, sar xi njam ġdid u nżebgħu r-*railings* kemm tal-injam kif ukoll dawk tal-ħadid. Ġie rranġat *pot* tal-injam li hemm fil-Pjazza tal-Knisja. L-ammont ta' €630 kien jikkonsisti f'xogħol sabiex isaħħaħ il-15-il *pot* li hemm fix-Xlendi u żdied sapport tal-injam minn taħt sabiex ikunu jistgħu jiġu trasportati b'*forklifter*. Kien hemm qbil li ma jerġax jiġi ordnat xogħol mingħand dan il-kuntrattur.

55.4.3 Is-Sinjura Juliet Rose Attard ilmentat dwar it-*toilets* li hemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina peress li qed ikunu maħmuġin. Hija ppreżentat ritratti dwar dan.
Ġie deċiż li, għalkemm is-Sindku u Viċi Sindku ltaqgħu ma' dawn iż-żewġ ħaddiema darbtejn u s-sitwazzjoni xorta ma tranġatx, għandha tinkiteb ittra lis-Segretarju Permanenti John Borg u kkupjata lis-Sindku u Ministru għal Għawdex sabiex jiġi elenkat li l-ħaddiema qatt ma jkunu hemm; *toilets* maħmuġin u *playing field* maħmuġa.
Ser issir ukoll *site inspection* mal-kuntrattur tal-apparat tal-*playing field*.
Is-Sinjura Juliet Rose Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li quddiem il-Lukanda St Patrick's hemm żewġ fanali ma jixgħelux u anke dwar it-toqob tal-festa għadhom ma ġewx mimlija bir-ramel.
Hija lmentat ukoll dwar is-sewqan eċċessiv fi Triq San Pawl u Triq it-12 ta' Diċembru 1957 li jwasslu għal Triq Ras il-Bajjada. Kienet ser issir *site inspection* mas-Sur Ruben Said – Transport Malta.
Hija staqsiet għaliex il-kuntrattur li jiġbor l-iskart goff inbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dak il-kuntrattur kien qed jagħti servizz b'*direct order* u kien hemm xi żmien li l-kuntrattur kien indispost u tqabbad ieħor sabiex is-servizz jitkompla jingħata. Issa ser toħroġ sejħa pubblika.

Is-Sinjura Juliet Rose Attard irrimarkat li għandu jkun hemm persuna fil-bieb tal-Kunsill u jekk hemm bżonn jiġi impjegat xi ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħalissa qed tiġi mgħallma persuna li qed tagħmel xogħol klerikali mill-Iskema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Importanti li min ser ikun fil-*front* fl-ewwel kamra tal-binja jkun ittrenjat sew sabiex jagħti dawk is-servizzi li jingħataw lill-pubbliku. Huwa ser ikellem lill-perit sabiex jinbeda l-proċess sabiex issir l-għamara adatta flimkien ma' xogħlijiet dwar sigurtà.

55.4.4 Is-Sur Damien Spiteri reġa' fakkar lill-Kunsill li fi Triq il-Munxar hemm familji li qed ikollhom l-ilma bis-sadid. Huwa ssuġġerixxa li aħjar li jinbidel il-*main* immedjatament u l-wiċċ isir bil-*patching* mill-Kunsill sakemm din tinkesa mill-Ministeru għal Għawdex għaliex aħjar fondi jintefqu għal din it-triq milli għal *lift* fil-Kunsill. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Inġinier Charlie Camilleri.
Is-Sur Damien Spiteri fakkar dwar is-siġar tal-Pjazza tal-Knisja li jridu jinżabru zokk u l-*bus shelter* li hemm approvata għal quddiem l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

**55.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

55.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jirċievi diversi lmenti li l-kuntrattur li qed jiġbor l-iskart domestiku qed jibda jagħti s-servizz qabel il-ħin stipulat mill-Kunsill. Huwa wissa lill-kuntrattur diversi drabi iżda għalxejn. Is-Sindku kienet ser tkellmu hi.

Il-Kunsill irċieva mingħand il-Bank of Valletta fejn talbu informazzjoni dwar il-finanzi bankarji tal-Kunsill. Qed jitlob informazzjoni dwar il-membri tal-Kunsill. Is-Sinjura Juliet Rose Attard u s-Sur Joseph Cauchi ser jidhru għan-nom tal-membri.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għandu l-plakki tal-mixja u żewġ *dog bins* sabiex jitwaħħlu. Dawn għandhom jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex iżda jekk il-Kunsill irid li jitwaħħlu aktar malajr, irid jinstab kuntrattur privat.

Il-Mitħna Sotterranja t'Emerġenza tax-Xlendi nfetħet għall-pubbliku fl-4 ta' Awwissu 2018 waqt il-festival taċ-ċeramika. Diġà kien hemm *fault* fis-sistema tad-dawl u kellu jiġi l-*electrician* sabiex jirranġa proviżorjament. Issa kien ser jirranġa l-ħsara b'mod permanenti.

Xi ftit taż-żmien ilu l-Munxar Falcons FC kienu talbu sabiex ir-*road map* li hemm fi Pjazza l-Anfori tinbidel għal waħda aktar moderna u jsir id-dawl mal-faċċata tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Joseph Cauchi sabiex jgħin f'dan ix-xogħol. Huwa aċċetta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stima sabiex l-uffiċini tal-Kunsill jiġu mgħammra b'*CCTV*, *intrusion* u *fire alarm*. Dawn huma bżonjużi hekk kif ħareġ mir-rapport tar-*risk assessment* li qed jaħdem fuqu l-Inġinier Mario Galea.
L-istima mingħand l-Alberta:
*CCTV* - €1,985.94
*Fire Detection System* - €1,316.59
*Intruder Alarm* - €610.18
Kien hemm qbil li dawn jiġu ordnati.

Il-ħin kien is-6.50 ta' filgħaxija u s-Sur Joseph Cauchi talab li jkun skużat minħabba li għandu impenji oħra u ħareġ mil-laqgħa.

**55.7 Approvazzjoni tar-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar sejħiet**

55.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar dawn is-sejħiet:

- *Tender Ref: MXR/EU/01/2018 - Service Tender for Project Technical Consultancy in Relation to the Rehabilitation of Ix-Xlendi Tower;*
- *Tender Ref: MXR/EU/02/2018 - Service Tender for a Project Manager in Relation to the Rehabilitation of Ix-Xlendi Tower.*

Minn dawn l-offerti ngħatat offerta waħda biss għaliex l-offerta Tender Ref: MXR/EU/02/2018 ma ġietx *awarded* minħabba li l-offerta li rċieva l-Kunsill kienet *over-budget* u għaldaqstant din is-sejħa ser terġa' toħroġ. Ġie deċiż li Tender Ref: MXR/EU/01/2018 tingħata lill-Perit Hermann Bonnici.
Kien hemm qbil unanimu.

**55.8 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* Jannar-Ġunju 2018 (it-tieni kwart)**

55.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart tat-tieni kwart Jannar-Ġunju tas-sena finanzjarja 2018.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**55.9 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

55.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ma hemm xejn ġdid x'jiġi rrapportat. Is-Sur Damien Spiteri talab li jintbagħtu dawk l-ittri lill-entitajiet konċernati u jekk hemm bżonn isiru laqgħat magħhom. Is-Sindku infurmatu li s-Sur Paul Curmi kellu jkellem lill-Avukat Dr Ian Stafrace sabiex jibgħat dawn l-ittri.

**55.10 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

55.10.1 Fil-laqgħa tal-lum, il-Kunsill approva r-rapporti tal-aġġudikazzjoni.
Issa ser jiskatta ż-żmien ta' għaxart'ijiem sabiex issir oġġezzjoni. L-offerta *Tender Ref: MXR/EU/01/2018 - Service Tender for Project Technical Consultancy in Relation to the Rehabilitation of Ix-Xlendi Tower* ser jiġi ffirmat il-kuntratt u l-offerta *Tender Ref: MXR/EU/02/2018 - Service Tender for a Project Manager in Relation to the Rehabilitation of Ix-Xlendi Tower* ser terġa' tiġi ppubblikata. Issa l-Kunsill ser jaħdem sabiex japplika għall-*Co-Financing* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**55.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

55.11.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għaliex ma kienet saret l-ebda laqgħa.

**55.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

55.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 55-2018(09_08_18) li tkopri l-perjodu mis-27 ta' Ġunju 2018 sad-9 ta' Awwissu 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sinjura Juliet Rose Attard – Viċi Sindku u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**55.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

55.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 12 ta' Settembru 2018 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 12 ta' Settembru, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |